## 4 ta' Ottubru, 1991

## Imħallfin: –

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President.**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl. Can., Lic. Can., LL.D.**
**Onor. Prof. Victor Borg Costanzi B.A., LL.D.**

Anthony Bugeja

*versus*

Carmelo Agius *et*

## Soċjetà Ċivili – Rappreżentanza – Responsabilità

*Assoċjazzjoni jew soċjetà ta' natura ċivili fid-dritt tagħna hija "persuna", jiġifieri soġġett tad-dritt, kapaċi li takkwista drittijiet u tassumi obbligazzjonijiet, u għandha wkoll id-dritt li tkun rappreżentata minn persuna jew persuni fiżiċi li jidhru għaliha.*

*Kwistjonijiet dwar ir-responsabilità huma distinti minn dawk dwar rappresentanza. Ir-responsabilità ta' l-assoċjati f'enti morali għal dak illi "tagħmel" is-soċjetà, hija, bħala regola, illimitata.*

*Kull membru tal-Kumitat ta' Każin huwa obbligat li jara li fil-każin tiġi osservata l-liġi, u biex jista' jeħles minn dik ir-responsabilità jrid jipprova li dak li sar, sar mingħajr ma kien jaf huwa, u li ma setax ikun jaf bih anki kieku eżerċita d-diliġenza normali li għaliha huwa obbligat jew, jekk u meta sar jaf, għamel dak kollu li seta' biex dak ir-reat jew reati ma jkomplux.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Fis-7 ta' Diċembru 1971, fil-Każin ta' San Ġużepp, f'Ħaż-Żebbuġ, saret esplużżjoni. L-attur kien fis-sular t'isfel u waqa' kantun fuq rasu. Huwa korra gravament u b'ċitazzjoni fil-Qorti Ċivili Prim'Awla talab li l-konvenuti jiġu kundannati jħallsuh għad-danni li sofra billi huma kienu ġuridikament responsabbli għall-inċident;

B'sentenza tat-30 ta' Lulju 1981, dik l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talbiet kollha ta' l-attur u wara li ddikjarat lill-konvenuti kollha responsabbli għall-esplużżjoni, ikkundannathom li jħallsuh danni ta' elfejn u ħames mitt lira (Lm2500) – kif likwidati minnha;

Kontra s-sentenza appella kemm Carmelo Agius waħdu, kif ukoll il-konvenuti l-oħra li ppreżentaw petizzjoni waħda f'isimhom kollha; u hija din il-petizzjoni li se tiġi kkunsidrata l-ewwel;

L-ewwel aggravju tal-konvenuti huwa fis-sena illi s-sentenza rriteniet illi l-Każin San Ġużepp u Banda *De Rohan Club* "bħala assoċjazzjoni *ut sic* jew korp morali ma ġiex imħarrek" u li dan huwa skorrett għaliex l-enti morali bħal ma huwa każin jiġi mħarrek permezz tar-rappreżentanti tiegħu; għalhekk il-konvenuti huma mħarrkin f'din il-vesti, ħlief meta ċ-ċitazzjoni tattribwilhom anki responsabilità personali;

Dan il-punt irid jiġi verament kjarifikat għaliex huwa minnu li sfortunatament is-sentenza appellata fuq daqshekk, f'partijiet minnha, m'hix korretta, u dik l-iskorrettezza tista' toħloq konfużjoni rigward ċerti prinċipji fundamentali tad-dritt;

Assoċjazzjoni jew soċjetà ta' natura ċivili (ċjoè mhux waħda kummerċjali fis-sens li l-assoċċjazzjoni tinħoloq biex teżerċita l-kummerċ u tagħmel il-qliegħ) fid-dritt tagħna hija "persuna", jiġifieri soġġett tad-dritt, kapaċi li takkwista drittijiet u tassumi obbligazzjonijiet; persuna ġuridika distinta w separata mill-persuni fiżiċi li jiffurmawha;

Għall-iskopijiet ta' din is-sentenza huwa biżżejjed li jingħad illi, f'wieħed mill-ewwel kodiċijiet prinċipali li għadhom viġenti – il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (promulgat bl-Ordinanza IV ta' l-1854) – fl-artikolu 207 li jipprovdi għall-preżentazzjoni ta' l-atti ġudizzjarji fir-reġistri tal-qrati jingħad:

"1° *dalla parte stessa che comparisce a nome proprio ..... socio o rappresentante di una casa o di una società commerciale, agente od incaricato di* ***qualunque altra società riconosciuta o permessa dalla legge.....***"

u l-kliem "***o*** *permessa dalla legge*" kienu jindikaw l-abbandun ta' l-istat limitattiv li kien viġenti taħt ir-reġim tal-Kodiċi ta' De Rohan li kien jakkorda biss drittijiet lis-soċjetajiet rikonoxxuti;

Fid-dritt tagħna għalhekk kull forma ta' assoċjazzjoni magħmula a bażi ta' kuntratt soċjali, sakemm il-finalitajiet ta' dak il-kuntratt ma jkunux impossibbli, projbiti mil-liġi, kontra l-morali jew l-ordni pubbliku, hija nvestita b'personalità ġuridika, u fost drittijiet oħra għandha d-dritt li tkun rappreżentata, jiġifieri minn persuna jew persuni fiżiċi li jidhru għaliha, billi, naturalment, dan huwa neċessarju biex tiġi integrata personalità li m'għandhiex forma fiżika;

Kwistjonijiet rigward ir-**responsabilità** huma distinti mill-elementi l-oħra tal-personalità ġuridika u tar-rappresentanza, u meta dik id-distinzjoni ma tinżammx il-konsegwenti konfużjoni ġġib magħha wkoll konfużjoni fis-soluzzjonijiet ġuridiċi. Ir-responsabilità ta' l-assoċjati f'enti morali, għal dak li "tagħmel" is-soċjetà, hija, bħala regola, illimitata, kif hija illimitata r-responsabilità ta' kull persuna fiżika. Il-limitazzjoni ta' responsabilità hija possibbli biss (a) meta l-assoċċjazzjoni hija permessa f'forma ta' responsabilità limitata – preżentement jiġifieri s-soċi akkomandanti (art. 51 Kap.168) u s-soċi kollha ta' kumpanija ta' responsabilità limitata (art.67 Kap.168) u (b) fil-kommissjoni ta' delitti jew kważi-delitti mid-diriġenti ta' l-assoċjazzjoni (inkwantu ebda korp morali ma jista' jikkometti delitt) is-soċi l-oħra huma esklużi, imma l-persuni fiżiċi kollha li jipparteċipaw fl-omissjonijiet jew kommissjonijiet ta' dawk id-delitti jew kważi-delitti ikunu responsabbli skond ir-regoli ġenerali tad-dritt;

Dan premess, fuq dan il-punt jidher li l-appellanti għandhom raġun u hija skoretta is-sentenza appellata, li bbażat is-soluzzjoni ta' din il-parti tal-vertenza fuq dak li hemm fil-ktieb *Introduction to English Law* ta' Philip James li minnu s-sentenza tagħti din il-kwotazzjoni:

"*Unlike incorporated associations, unincorporated associations are endowed with **no** independent legal personality: they are in the eyes of the law simply groups of separate individuals.*"

Fid-dritt tagħna d-distinzjoni bejn assoċjazzjonijiet *incorporated* u *unincorporated* li hemm fid-dritt ingliż ma teżistix; kull assoċjazzjoni għandha u hija "korp", ċjoè, għandha

dak il-"ġisem" ġuridiku illi d-dritt jirrikonoxxi, u li jagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' ġisem fiżiku li minn natura tagħha kull assoċjazzjoni, din il-forma eżistenzjali, ma jistax altrimenti jkollha;

Hija sfortuna li din id-distinzjoni bejn *incorporated* u *unincorporated* tad-dritt ingliż ġiet importata f'xi sentenzi tal-qrati tagħna, u dawn ħolqu konfużjoni li anki nneċessitat intervent leġislattiv, li biex iħoll il-matassa li kienet inħolqot f'dan ir-rigward ipprovda hekk:

(Att. VII ta' l-1975 – dwar l-Interpretazzjoni – art. 4(a) Kap. 249) "l-espressjoni "persuna" tinkludi għaqda jew korp ieħor ta' persuni, sew jekk dik l-għaqda jew dak il-korp ikunu persuna ġuridika jew jekk le" li fil-versjoni bl-ingliż, l-aħħar parti tinqara hekk: "... *whether such body or association is corporate or unincorporate*" definizzjoni din, li ma tagħmilx sens ħlief fil-kuntest storiku imsemmi qabel, għaliex **persuna** fid-dritt tagħna tikkomprendi kemm il-persuna fiżika kif ukoll il-persuna ġuridika; għaliex altrimenti, litteralment, id-definizzjoni tgħid li persuna hija persuna anki jekk m'hiex – li hija proprja biss għall-*corporate* u *unincorporate* inkwantu l-*unincorporate* huwa xorta waħda *corporate.*

*Purtroppo,* l-ewwel Onorabbli Qorti ma applikatx dan l-Att ta' Interpretazzjoni, li kif intqal jelimina l-kunċetti żbaljati rigward il-personalità ġuridika ta' l-azzoċjazzjoni bħal dik tal-Każin San Ġużepp u Banda De Rohan b'riferenza għall-konċetti ġuridiċi li ma humiex tagħna;

Il-konvenuti, minn din id-distinzjoni bejn il-Każin u l-membri, jissottomettu li għandu jsegwi li huma personalment

m'għandhomx x'jirrispondu għaliex l-azzjoni attriċi fil-konfront tagħhom hija preskritta bit-terminu ta' sentejn – art. 2153 Kap. 16: – "L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat **mhux** ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn;"

*Kif jidher mill-kliem ta' l-artikolu, però, dan ma jistax* japplika għall-azzjoni preżenti għaliex dak li jillamenta l-attur ġie effettivament ikkawżat minn reat jew reati, u fuq hekk jippretendi li huma obbligati lejn il-konvenuti;

Hawnhekk ukoll għandu jingħad illi kif hija konċepita ċ-ċitazzjoni ta' l-attur, l-attur ħarrek **lill-membri kollha,** li kienu – fil-mument ta' l-inċident – jikkomponu l-kumitat tal-Każin ta' San Ġużepp, u dan **personalment,** u minn imkien ma jidher illi huwa ippretenda li huwa l-Każin, li hija l-assoċjazzjoni, li għandha tirrispondi għall-ħsarat li sofra;

Billi Philip Bartolo u Joseph Farrugia huma mħarrka "f'isimhom proprju u fil-kapaċità tagħhom ta' direttur u segretarju rispettivament fi żmien l-inċident ta' ..." dan il-kliem ma jindikax b'ebda mod li l-imsemmija Bartolo u Farrugia qegħdin jirrappreżentaw l-assoċjazzjoi li difatti m'hiex parti in kawża. *Il-karigi indikati, li huma kienu jokkupaw, huma* deskrittivi u indikattivi tar-responsabilità tagħhom inkwantu huma responsabbli għar-reati kommessi fil-Każin billi huma kienu obbligati li ma jippermettuhomx u li n-nuqqasijiet tagħhom f'dawk il-karigi jirrenduhom responsabbli. L-istess għandu jingħad għall-Kavallier Joseph Gatt, President tal-Każin, u għall-konvenuti l-oħra – "membri tal-Kumitat";

Il-konvenuti kollha bħala membri tal-kumitat tal-Każin kienu obbligati li fil-każin tiġi osservata l-liġi, u biex kull wieħed

minnhom jista' jeħles minn dik ir-responsabilità jrid jipprova li dak li sar, sar mingħajr ma kien jaf huwa, u li ma setax ikun jaf bih anki kieku eżerċita d-diliġenza normali li għaliha huwa obbligat jew, jekk u meta sar jaf, għamel dak kollu li seta' biex dak ir-reat jew reati ma jkomplux;

Dan kollu però, għalkemm minn triq oħra, iwassal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel Onorabbli Qorti li rriteniet il-konvenuti kollha responsabbli għall-ħsara sofferta mill-attur. L-attività illeċita fil-fond tal-Każin kienet tali li kwalsijasi membru tal-kumitat, kieku espleta d-doveri tiegħu b'diliġenza, kien jinduna b'dak li kien qed jiġri u kien jista' jintervjeni, kif qalet is-sentenza: "fil-każ preżenti dawk id-doveri (id-dixxiplina u l-osservanza tal-liġi fil-fond tal-Każin) baqgħu l-impenn u r-responsabilità tal-kumitat kollu." U għalhekk id-dikjarazzjonijiet tal-konvenuti li huma ma kienu jafu b'xejn jindikaw biss li huma ma tantx kienu assidwi bħala membri tal-kumitat;

Naturalment, din ir-responsabilità m'hiex imferrxa ugwalment fuq kulħadd. Il-provi jindikaw mingħajr ombra ta' dubju li, barra Carmelo Agius, dak li għandu jiġi ritenut speċjalment responsabbli huwa l-konvenut Philip Bartolo – id-direttur responsabbli għall-ordni fil-Każin – u għalhekk aktar 'l isfel sejra ssir distribuzzjoni tal-ħtija kif trid il-liġi;

L-appell ta' Carmelo Agius huwa ċirkoskritt għall-aggravju tal-preskrizzjoni billi anki huwa jirritjeni li għandu jiġi applikat l-artikolu 2153 Kap. 16;

Dak li ntqal fi tmien paragrafi qabel ta' din is-sentenza japplika hawn ukoll u din il-Qorti ma fehmitx għaliex il-konvenuti kollha insistew fuq preskrizzjoni li tapplika f'dawk il-

każijiet fejn l-azzjoni għad-danni **ma tkunx** bażata fuq il-kummissjoni (anki per omissjoni) ta' reat mentri l-azzjoni ta' l-attur hija proprju pretensjoni bażata fuq in-negliġenza, l-*imperizja* u *nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tal-konvenuti* – li jindikaw l-elementi msemmija taħt id-diċitura "Fuq id-delitti u kważi-delitti" – Sezzjoni II – Sub-Titolu II tat-Titolu IV tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16;

Għal dak li huma d-danni sofferti, l-ammont li ġie likwidat mill-ewwel Onorabbli Qorti jidher li m'għandux jiġi disturbat;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża b'dan il-mod: billi tiddikjara l-konvenuti kollha responsabbli li jħallsu d-danni sofferti mill-attur konsegwenti għall-esplużżjoni li ġrat fis-7 ta' Diċembru 1971 fil-Każin ta' San Ġużepp f'Ħaż-Żebbuġ, liema danni jammontaw għal elfejn u ħames mitt lira (Lm 2500) oltre l-interessi mit-30 ta' Lulju 1981;

Din is-somma għandha titħallas kwantu għall-kwart minn Carmelo Agius, *kwart minn Philip Bartolo u waħda* minn erbatax-il parti kull wieħed mill-konvenuti l-oħra;

L-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati mill-konvenuti fl-istess kwoti.